31990D0637

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-22 ta' Ottubru 1990
li tirrigwarda l-konklużjoni ta' Protokoll li jġedded il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-*marketing* u l-kummerċ tal-manjoka

(90/637/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-konklużjoni ta' Protokoll li jġedded il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-*marketing* u l-kummerċ tal-manjoka [1] hija fl-interess reċiproku tagħhom;

Billi l-Protokoll imsemmi għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-Artikolu 1

Il-Protokoll li jġedded il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-*marketing* u l-kummerċ tal-manjoka huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test ta' dan il-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna mogħtija l-poter li tiffirma l-Ftehim riferit fl-Artikolu 1 sabiex jorbot lill-Komunità.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-22 ta' Ottubru 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

G. DE MICHELIS

[1] ĠU L 219, tat-28.7.1982, p. 53.